11 ta' Diċembru, 1954

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Joseph Zammit *versus* Joseph Cutajar

**Direttur ta' l-"Approved School" — Provi — Dokumenti — Xhieda — Sigriet Professjonali — Publiċità ta' l-Udjenzi — Qorti tal-Minorenni — "Juvenile Court" — Art. 589 u 598 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 5 tal-Kap. 71.**

*Il-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Minorenni huma regolati mill-Kapitlu 71 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-artiklu 5 ta' dik il-Liġi jiddisponi illi "ebda persuna oħra ħlief il-membri u l-uffiċjali tal-Qorti u tal-Prosekuzzjoni, il-partijiet fil-kawża u d-difensuri tagħtagħhom, jew membri tal-professjoni legali, ix-xhieda jew persuni oħra interessati direttament fil-kawża, il-ġenitur jew qarib ieħor jew it-tutur tat-tifel jew taż-żagħżugħ akkużat, jew li għalih il-proċeduri jirriferixxu, ma tista', ħlief bil-permess tal-Qorti, tkun preżenti fis-seduti ta' Qorti tal-Minorenni; iżda r-rappreżentanti 'bona fide' tal-ġurnali ma jiġux esklużi".*

*Din id-dispożizzjoni tidderoga għall-prinċipju fondamentali tal-publiċità ta' l-udjenzi; imma l-proċedura quddiem dik il-Qorti ma hix sigrieta, u dik id-dispożizzjoni hija ... iża biex il-minuri ma jiltaqgħux ma' nies ta' kondotta ħażin li jibbazzikaw fil-Qrati tal-Pulizija; b'mod li dak kollu li jsir u jingħad f'dik il-Qorti mhux protett minn ebda sigriet, u jista' jiġi manifestat mingħajr ebda xkiel.*

*Konsegwentement, id-Direttur ta' l-Approved School, li jiġi mħarrek bħala xhud f'kawża ċivili, mhux protett mis-sigriet meta jiġi mistoqsi biex jagħti informazzjonijiet li ġew a konjizzjoni tiegħu f'kawża li saret fil-Qorti tal-Minorenni, u jista' jinvoka dan il-privileġġ jekk l-informazzjonijiet li jiġi mitlub jagħti jkun ottenihom minn dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' korrispondenza tal-Dipartiment li għalih huwa prepost. Jekk dawk l-informazzjonijiet huwa jkun ottenihom "aliunde", hu obligat jirrispondi.*

*Jekk dak id-Direttur jiġi mistoqsi biex jgħid dak li sama' xhieda oħra jgħidu fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Minorenni, ikun il-każ ta' "dictum de dicto", li bħala prinċipju mhux proċeduralment per-*

*mess; imma l-ammissibilità ta' din il-prova tiddependi miċ-ċirkustanzi previsti mill-liġi, li fihom il-Qorti tista' tammetti xhieda fuq kliem ħadd ieħor.*

*Jekk imbagħad dak id-Direttur jiġi mistoqsi dwar xi dikjarazzjonijiet li saru lilu minħabba l-kwalità tiegħu uffiċjali ta' Direttur ta' l-Approved School, huwa mhux obligat jirrispondi jekk jidhirlu li l-manifestazzjoni tal-fatti lilu dikjarati tista' tkun ta' ħsara għas-servizz publiku.*

Il-Qorti — Fuq it-talba ta' l-attur, biex ix-xhud Michel Angelo Saliba jirrispondi għall-mistoqsijiet indikati fin-nota ta' l-istess attur (fol. 47);

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmi xhud Michel Angelo Saliba, prodott mill-attur, fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 1953 xehed illi kull ma jaf jafu bħala Direttur ta' l-Approved School, u li ġeneralment huwa jattinġi l-informazzjonijiet meħtieġa minn għand il-Pulizija, mill-Kappillan, mis-surmastrijiet ta' l-iskola, u minn kumitati ta' xi organizzazzjonijiet; u taħt dawn iċ-ċirkustanzi huwa ssottometta li kull ma jaf hu segriet u kopert mill-privileġġ;

Illi l-attur, fuq ordni tal-Qorti, ippreżenta l-imsemmija nota fol. 47, fejn speċifika l-mistoqsijiet li jrid jagħmel lix-xhud — mistoqsijiet li, għall-kjarezza tat-trattazzjoni, hu xieraq li jiġu eżaminati separatament;

Illi, fl-ewwel lok, l-attur irid jistaqsi lix-xhud il-kontenut tax-xhieda li huwa ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża kontra l-minuri Alfred Cutajar. Mhux kontestat li l-proċeduri f'dik il-kawża saru quddiem dik il-Qorti bħala Qorti tal-Minorenni ("Juvenile Court"), li tinsab regolata mill-Ordinanza IX ta' l-1919, illum Kapitlu 71 tal-Liġijiet ta' Malta. Skond l-art. 5 ta' din il-liġi, "ebda persuna oħra ħlief il-membri u l-uffiċjali tal-Qorti u tal-Prosekuzzjoni, il-partijiet fil-kawża u d-difensuri tagħhom, jew membri oħra tal-professjoni legali, ix-xhieda jew persuni oħra interessati direttament fil-kawża, il-ġenitur jew qarib ieħor jew it-tutur tat-tifel jew taż-żagħżugħ akkużat, jew li għalih il-proċeduri jirriferixxu, ma jista', ħlief bil-permess tal-Qorti, ikun preżenti

fis-seduti tal-Qorti tal-Minorenni; iżda r-rappreżentanti bona fide' ta' ġurnali ma jiġux esklużi";

Illi, biex wieħed jara jekk dispożizzjoni simili tidderogax għall-prinċipju fondamentali tal-publiċità ta' l-udjenzi, huwa xieraq li jiġi eżaminat l-iskop li għalih saret il-liġi. L-Avukat tal-Kuruna, meta ppropona l-ewwel lettura ta' dik il-liġi, qal testwalment :— "We all know that at present juveniles are dealt with in the ordinary courts, and no special arrangements are made for dealing with their cases separately. The consequence is that juvenile offenders are forced to mix with people of the most objectionable type that gather every day in the Police Courts. The proposed Ordinance provides for the establishment of a separate Court for juveniles, so as to reduce the chances of juvenile offenders coming into contact and mixing with people of the lower and most disreputable classes." U fuq l-art. 5 fuq ċitat spjega li "this provision, which contains an exception to the general rule of the unrestricted publicity of the hearing of cases, is necessary in order to harmonise the object of establishing a Juvenile Court with the actual establishment of such Court. Children would not be prevented from meeting undesirable persons in Court, if no restrictions were imposed on the admission of persons to juvenile Court" (v. Debates of the Council of Government, Vol. XXXIX, paġ. 579, Seduta tal-10 ta' Mejju 1919). Minn dana jidher li l-proċeduri m'humiex segrieti, bħal meta l-Qorti, fil-każi previsti mill-liġi (art. 421 u 525 Kod. Krim.), tordna li jinżammu bil-magħluq, bis-sanzjonijiet hemm komminati. Dina l-proċedura speċjali għall-minorenni saret biex dawn ma jiltaqgħux ma' nies ta' kondotta ħażina, li ġeneralment jibbazzjkaw fil-Qrati; u għalhekk, meta l-iżvolġiment tal-kawża jsir mingħajr ma jkunu preżenti dawk in-nies, il-vot tal-leġislatur ikun milqugħ; u konsegwentement dak kollu li jsir u jingħad fil-kawża mhux protett minn ebda segriet, u jista' jiġi manifestat mingħajr ebda xkiel;

Ma jistgħux jiġu applikati, b'analoġija, id-dispożizzjonijiet fuq riferiti tal-Kodiċi Kriminali, għaliex si tratta ta' dispożizzjonijiet eċċezzjonali; u ladarba si tratta ta' deroga għall-prinċipju fondamentali tal-publiċità ta' l-udjenzi, kienet meħ-

tiegħu dispożizzjoni espressa. Del resto, dina l-interpretazzjoni ssib il-konferma tagħha fl-art. 6, fejn hu prevedut il-każ ta' proċeduri bil-magħluq; liema dispożizzjoni ma tidħerx li ġiet, għaliex lanqas setgħet tiġi, applikata fil-każ in kwistjoni;

Illi, mit-tenur tax-xhieda tiegħu, ix-xhud Michel Angelo Saliba donnu qiegħed jinvoka s-sigriet "ratione officii" kontemplat fis-subartikolu 2 ta' l-art. 589 (Proċ. Ċiv.), li jiddisponi illi "ebda xhud ma jista' jkun imġiegħel jikxef ħwejjeġ li jkun sar jaf minn rapport, jew minn ittri, dispaċċi, jew karti oħra, li għandhom x'jaqsmu mal-korrispondenza ta' dipartimenti tas-servizz publiku, sew ċivili, kemm militari, navali jew tal-forzi ta' l-ajru". L-applikazzjoni ta' dan il-privileġġ tiddependi mill-fatt jekk l-informazzjoni mitluba mill-attur ġietx a konjizzjoni tax-xhud mid-dokumenti elenkati fuq; jekk ix-xhud attinġa dawk l-informazzjonijiet minn dawk id-dokumenti, ma jistax jiġi kostrett jirrispondi; jekk però dawk l-informazzjonijiet ġew lilu "aliunde", allura mhux protett missigriet u tenùt iwieġeb għall-mistoqsija ta' l-attur. Konsegwentement, ix-xhud obligat jirrispondi fuq il-fatti kollha li ma ġewx a konjizzjoni tiegħu mid-dokumenti uffiċjali speċifikati fl-art. 589 (2) fuq ċitat;

Illi, fit-tieni lok, l-attur irid jistaqsi lix-xhud Saliba dak li semgħa lix-xhieda l-oħra jgħidu quddiem il-Qorti tal-Minorenni. Dana proprjament jikkostitwixxi "dictum de dicto", li bħala prinċipju mhux proċeduralment permess. Iżda l-ammissibilità ta' dina l-informazzjoni tiddependi miċ-ċirkustanzi preveduti fl-art. 589 (Proċ. Ċiv.), li minħabba fihom tista' tiġi ammessa xhieda fuq kliem ħadd ieħor; u l-Qorti tirriżerva li tipprovdi wara li tkun eżaminat jekk jirrikorrux jew le dawk iċ-ċirkustanzi;

Illi, fit-tielet lok, l-attur jippretendi minn għand ix-xhud Saliba d-dikjarazzjonijiet li għamlu miegħu l-konvenuti u l-minuri Alfredo Cutajar biex hu ġieb il-każ quddiem dik il-Qorti. Evidentement dawn id-dikjarazzjonijiet, jekk saru, saru lix-xhud minħabba l-kwalità tiegħu uffiċjali ta' Direttur ta' l-Approved School, u jekk hu jidhirlu li l-manifestazzjoni ta' dawn il-fatti hekk lilu dikjarati tista' tkun ta' ħsara għas-ser-

vizz publiku, ix-xhud mhux obligat iwieġeb, peress li jinsab protett mill-art. 589 (1) Proċ. Ċiv.);

*Għal dawn il-motivi;*

Tiddikjara u tiddeċidi li x-xhud Michel Angelo Saliba ma huwiex obligat iwieġeb unikament fuq fatti li huma koperti mill-privileġġ fis-sens fuq espost, u li huwa tenut jixhed fuq iċ-ċirkustanzi l-oħra kollha li għalihom ma jirrikorrix dak il-privileġġ;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.